**Ħinijiet tal-Ftuħ:** Mit-Tnejn sal-Ġimgħa 9:00pm – 5:00pm, Is-Sibt u l-Ħadd 9:00am – 12:30pm. **Post:** Parlament ta' Malta. **Dħul b'xejn.**

# IL-MIXJA TAL-MARA FIL-POLITIKA



"Din il-wirja fil-Parlament Malti titfa' dawl fuq il-mixja tal-mara Maltija fil-politika. Bir-ritratti u d-dokumenti uniċi li qed ikunu esibiti, jidher li din il-mixja ma kinitx dejjem waħda naturali, anzi saru bosta sforzi biex il-mara tingħata d-dritt tal-vot u wara sabiex tkun tista' tikkontesta. Fuq kollox din il-wirja fiha sinifikat għaliex qiegħda ssir proprju fis-sena fejn il-Gvern se jkun qiegħed jippreżenta riforma u jipproponi numru ta' miżuri pożittivi li permezz tagħhom nemmnu li se nagħmlu d-differenza. Fuq kollox, irridu niftakru li bħala pajjiż fix-xena internazzjonali, intrabatna li sas-sena 2030, pajjiżna jkun wasal f'sitwazzjoni fejn fil-Parlament Malti nofs il-membri parlamentari eletti jkunu nisa u rġiel.

Julia Farrugia – Segretarju Parlamentari



"Din il-wirja hi frott riċerka intensiva li ilha għaddejja għal dawn l-aħħar sentejn u b'iktar intensità f'dawn l-aħħar xhur. F'din il-wirja qegħdin jiġu esibiti mhux biss ritratti uniċi iżda wkoll dokumenti rari li possibilment qed jiġu esibiti għall-ewwel darba, bħall-proposta favur il-vot tal-mara minn Leopoldo Vizzari de Sannazaro fl-1919. Qed jiġu esibiti wkoll oġġetti personali ta' Agatha Barbara. Permezz ta' din il-wirja mhux biss qed infakkru dak li seħħ, iżda, iktar minn hekk nistgħu nifhmu, nagħrfu u fuq kollox napprezzaw l-isforz xejn żgħir li għamlu ta' qabilna. Nirrealizzaw kemm dawk in-nisa li kellhom l-opportunità u ċ-ċans, kienu lesti, akkost ta' kollox jaħdmu għall-bidla. Din il-wirja setgħet tittella' wkoll bl-għajnuna u bil-kollaborazzjoni tal-Professur Carmen Sammut.

Nadia Abdilla - Kuratriċi



Dawn huma l-istruzzjonijiet mibgħuta lill-Pulizija għall-vot tan-nisa. L-ewwel abbozz miktub bl-idejn tal-istituzzjonijiet sabiex jiġu rreġistrati n-nisa kolha eliġibbli lura f'Jannar tal-1947.




Il-proposti ta' Leopoldo Vizzari de Sannazaro. Filwaqt li kien qed jidħol il-vot tal-mara barra minn xtutna, ried li l-mara Maltija tingħata dan id-dritt ukoll. L-għajtiet favur l-ugwaljanza fil-bidu tas-seklu 20.




Din hija l-evidenza ta' petizzjoni lill-Kummissjoni Rjali fl-1931. L-għajta bikrija li ngħatat il-ġenb iżda pass għall-għajta favur l-ugwaljanza b'428 firma favur il-mara.



Is-sena 2019 għandha tkun sena storika li fiha f'Malta jiġu diskussi għall-ewwel darba riformi li jintroduċu miżuri pożittivi li bihom in-nisa jiksbu rappreżentanza aħjar fil-Parlament. F'aktar minn 70 sena ta' storja r-rappreżentanza tan-nisa kienet tvarja bejn 10% u 14% tal-parlamentari. Bil-proposti ppreżentati, jekk jiġu implimentati fl-elezzjoni tal-2022, l-għadd ta' parlamentari nisa jistgħu jitilgħu sa waħda minn kull erbgħa.

It-trajettorja storika li wasslitna għas-sovranità ta' pajjiżna u għall-iżvilupp tal-pajjiż fis-snin ta' wara l-Indipendenza kultant tinsa s-sehem tal-mara. Din l-esibizzjoni tisfida din l-amnesija kollettiva u tfakkarna f'dak li seħħ biex wasalna għall-5 ta' Settembru 1947 meta l-Gżejjer Maltin ingħataw il-Kostituzzjoni MacMichael, li permezz tagħha l-Maltin reġgħu kisbu gvern rappreżentattiv, u aktar minn hekk, in-nisa kisbu d-dritt tal-vot u li għall-ewwel darba joħorġu bħala kandidati.

It-talba għal vot wieħed għal kulħadd (universal suffrage) kienet tressqet quddiem l-Assemblea Nazzjonali, li tlaqqgħet wara l-Gwerra biex tfassal Kostituzzjoni ġdida. Fl-Assemblea kienu rappreżentati l-Korpi Kostitwiti kollha li kienu rikonoxxuti mill-Gvern Imperjali.

Il-proposta biex in-nisa u l-irġiel kollha jkollhom vot wieħed ġiet l-ewwel mill-kamp trejdjunjinistiku li tkattar u ssaħħaħ wara t-Tieni Gwerra. Kienet il-General Workers Union li poġġiet il-vot universali fuq l-aġenda tal-Assemblea Nazzjonali. Id-Delegati Laburisti Ġużè Cassar u Turu Colombo mbagħad ressqu mozzjoni biex Josephine Burns Debono u Hélène Buhagiar, f'isem il-Women of Malta Association, jiksbu posthom fl-Assemblea, flimkien ma' Mabel Strickland li kisbet postha minħabba r-rwol tagħha fil-ġurnaliżmu.

Kien il-Mexxej Laburista Pawlu Boffa li ressaq mozzjoni li kull persuna għandha jkollha vot wieħed biss u biex kemm l-irġiel kif ukoll n-nisa jgawdu dan id-dritt. L-Assemblea dlonk aċċettat vot wieħed għall-irġiel kollha ta' 21 sena jew aktar, iżda d-diskussjoni dwar il-vot tan-nisa ma kinitx taqbida faċli u d-diskussjoni mhux dejjem kienet feliċi. Kien hemm oppożizzjoni qawwija mill-Knisja, fiż-żmien meta kienet forza kulturali u politika tremenda. Fiż-żmien meta ġie approvat il-vot għall-mara, il-Mexxej Nazzjonalista Nerik Mizzi kien għadu internat iżda meta, ftit jiem wara li ttieħdet id-deċiżjoni wasal lura Malta, wera li kien favur is-suffraġju tan-nisa. Bejn il-25 u s-27 t'Ottubru 1947 saret elezzjoni storika li fiha kkontestaw żewġ kandidati nisa, Hélène Buhagiar u Agatha Barbara. Barbara kienet l-unika waħda li telgħet u minn hemm bdiet il-karriera straordinarja tagħha.

Għal ħafna snin ma stajniex negħlbu l-ostakli kulturali, soċjali u strutturali li donnhom għadhom qegħdin ibarru lin-nisa mill-ħajja pubblika. Għal ħafna snin bqajna mwaħħlin fejn konna 72 sena ilu tant li r-rappreżentanza Parlamentari femminili hija fost l-aktar baxxa fl-Ewropa u fid-dinja kollha. Ma nistgħux nibqgħu nistennew li l-avvanz tal-mara fil-politika jsir bi proċess naturali, l-aktar peress li għadna 'l bogħod mill-critical mass neċessarja. Ladarba għarafna li kienet meħtieġa azzjoni, issa kulħadd għandu jiġbed ħabel wieħed ħalli nilħqu miri ġodda sabiex il-partiti jkunu fuq in-naħa t-tajba tal-istorja.



Numru ta' oġġetti oriġinali tal-Eks President ta' Malta Agatha Barbara



Il-ġurament tal-ħatra ta' Agatha Barbara



Il-libsa tar-ritratt uffiċjali ta' Agatha Barbara bħala President tar-Repubblika ta' Malta